**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 16 ta' Novembru 2020

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-vs-**

**Pauline Ruth Cilia detentriċi tal-Karta tal-Identita` bin-numru 267969M**

*Kumpilazzjoni Numru : 592/2019*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Pauline Ruth Cilia u ċioe' talli:

> Nhar is-26 ta' Settembru, 2019, u fil-jiem ta' qabel b'diversi atti magħmulin fi żmenijiet differenti kisret l-istess dispozizzjonijiet tal-Liġi, b'rizoluzzjoni waħda, minn ġewwa Pawl ta' Kalc Bakery, Triq l-Isqof Scicluna, Ħal Qormi u f'dawn il-Gżejjer, ikkomettiet serq ta' flus kontanti, liema esrq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi l-elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa w tletin ċentezmu (€2,329.37) u bil-persuna għad-detriment ta' Paul Vella.
>
> F'każ ta' ħtija l-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex tordna lill-akkużata sabiex tħallas l-ispejjez l għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba li titratta lill-imputata bħala reċidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal- Kodiċi Kriminali, meta hija ġiet misjuba ħatja u kkundannata għar-reati, b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat li waqt l-udjenza tallum l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputata wiegbet li hi hatja ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w hi nghatat zmien xieraq sabiex jekk xtaqet setghet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammettitiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnu ammessi.

Illi qed jigi sottolinejat li din l-ammissjoni saret wara li sa mill-ewwel seduta, l-prosekuzzjoni ddikjarat li l-ammont tar-*res furtiva* kien dak ta' €500.[1]

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputata li ghalkemm ma saritx fi stadju bikri, saret malli nbeda l-kaz taghha, tan-natura tar-reat li dwarhom qed tinstab htija, tad-dikjarzzjoni mill-parti leza li gie rizarcit u li rrikonoxxa l-izball tal-imputata w hafrilha ghall-ghemilha. Gie kkunsidrat ukoll dak konstatat mill-*probation officer* minn fejn jirrizulta kif l-imputata hi afflitta mill-problema tad-droga. Il-Qorti qiset il-fedina penali tal-imputata kif ukoll ic-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fosthom kif din diga` hi segwita minn ufficjal tas-Sedqa.

[1] Fol.10

Fic-cirkostanzi l-Qorti hija disposta taghti lill-imputata opportunita` unika w ahharija, sabiex bil-fatti issa, taghmel hilitha biex tiggieled il-vizzju mahkuma minnu. Sabiex dan jista' jsehh, fic-cirkostanzi il-Qorti jidrilha li piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 7, 8, 17, 18, 20, 31, 49, 50, 261(c)(d), 267, 268(d), 279(a), 280(1) u 281(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha w bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggiha taht ordni ta' probation ghal tmienja u ghoxrin (28) xahar millum.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma ssegwix id-direttivi li se jinghatawlha fil-perjodu ta' supervizjoni.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex tinghata l-ghajnuna psikologika mehtiega kif ukoll sabiex teghleb il-vizzju tad-droga.

Qed jigi rikmandat li dan l-ordni jibda jsehh minnufih anke permezz ta' programm residenzjali skond kif mehtieg.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hatja thallas l-ammont ta' **€509.40c** rapprezentanti spejjez peritali fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**